Nru. 17,501
Prezz 4ċ
Price 4c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2003
Tuesday, 11th November, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

**Nru. 1047**

**PROSPETT**

**ĦRUĠ TA' AMMONT LI MA JEĊĊEDIX Lm30,000,000 4.8 FIL-MIJA STOCK TAL-GVERN TA' MALTA 2016 (IT-TIENI ĦRUĠ)**

**Awtorizzat skond l-Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.II ta' l-2003) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161**

1. APPLIKAZZJONIJIET

a. APPLIKAZZJONIJIET jiftħu l-Erbgħa, 19 ta' Novembru, 2003 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2003, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

b. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' Lm100 fuq il-formola preskritta.

c. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati f'kull fergħa ta' banek kummerċjali, il-Bank Ċentrali ta' Malta, *stockbrokers* liċenzjati u intermedjarji finanzjarji oħra.

d. Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux Lm50,000 kull persuna jkunu lira bl-lira. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

## GOVERNMENT NOTICE

**No. 1047**

**PROSPECTUS**

**ISSUE OF AN AMOUNT NOT EXCEEDING Lm30,000,000 4.8 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2016 (SECOND ISSUE)**

**Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2003 (Act No II of 2003) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161**

1. APPLICATIONS

a. Applications open on Wednesday 19th November 2003 at 8.30 am and close at 12.00 noon on Friday 21st November, 2003 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b. All applications are to be made in multiples of Lm100 on the prescribed form.

c. Application forms may be obtained from, and lodged at, all branches of commercial banks, the Central Bank of Malta, licensed stockbrokers, and other financial intermediaries.

d. Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed Lm50,000 per person, shall be at par. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm50,000, imma ma jeċċedux il-Lm250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm50,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm250,000, jridu jkunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' Lm250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

ġ. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti, it-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

ħ. Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

i. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*: L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif gej:

a) L-Offerti jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru Lm100 b'Lm100 jkunu ġew eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* tkun aktar milli jkun hemm taħt paragrafu 1d, l-allokazjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed issir b'mod proporzjonat skond l-ammont ta' l-offerti.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet li ma jiġux allokati għal kollox isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

3. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

e. Applications by any single applicant, which in the aggregate are over Lm50,000, but do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f. Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed Lm250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h. Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i. All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY: Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at par are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph 1d, allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made.

c) Bids at the cut off line by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

3. PAYMENT OF DIVIDENDS (Interest)

a) Id-dividend (mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-26 ta' Mejju u fis-26 ta' Novembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn is-27 ta' Novembru 2003 u s-26 ta' Mejju, 2004 isir fis-26 ta' Mejju, 2004.

ċ) Ħlas ta' dividend (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

d) F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *Stock*, il-ħlas isir lill-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fir-reġistru.

4. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-i*Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

5. FIDWA TA' *STOCK*: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-26 ta' Novembru, 2016.

6. SIGURTÀ: L-i*Stock* u d-dividend fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

7. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA, KAP. 345:

(a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji –

(i) Meta l-i*Stock* ikun ġie allokat, issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali u sabiex dan ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(ii) Il-valur ta' l-investiment jista jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

8. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2003), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l- 1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Il-11 ta' Novembru, 2003

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 26th day of May and the 26th day of November during the tenure of the Stock.

b) The first payment covering the period from the 27th November 2003 to 26th May 2004 will be made on the 26th May 2004.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

d) In cases where Stock is registered in the name of two or more persons as joint stockholders, payment will be made to the person whose name appears first in the register.

4. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

5. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 26th November, 2016.

6. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

7. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE, CAP. 345:

(a) In terms of the Financial Markets Act –

(i) When the Stock has been allotted, an application will be made for the Stock to be admitted to the Official List and for trading on the Malta Stock Exchange.

(ii) The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

8. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2003 (Act No. II of 2003), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

11th November, 2003

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

---

**PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI**
OFFICIAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Acts of Parliament passed during 2002 | Lm12.00 |
| Annual Reports of Government Departments – 2002 | Lm 7.00c |
| A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act | Lm 1.00c |
| Budget Speech 2003 | 50c |
| Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education | Lm 1.80c |
| Cultural Policy in Malta – A Discussion Document | Lm 3.00c |
| Customs Tariff | Lm 5.30c |
| Diplomatic and Consular Representation in Malta – February 2001 | 50c |
| Diskors tal-*Budget* 2003 | 50c |
| Economic Survey January - September 2002 | Lm 2.00c |
| Electoral Register, April 2003 | Lm10.40c |
| Electoral Register, Local Councils, April 2003 | Lm31.46c |
| Estimates 2003 | Lm 2.00c |
| External Affairs Service List –October 2000 | 50c |
| Financial Report 2002 | Lm 2.00c |
| Government of Malta Staff List as at 1st April 2000 | Lm 7.00c |
| Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements | Lm 1.40c |
| Il-Manwal tal-President tar-Repubblika | 50c |
| Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni | Lm 3.00c |
| Internal Audit Function within Government Ministries, January 2000 | Lm 1.00c |
| Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq | Lm 1.00c |
| Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni | Lm 1.00c |
| National Curriculum on its Way – Proceedings | Lm 2.40c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan | Lm 1.00c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged | 25c |
| Performance Audit – Department of Consumer Affairs | Lm 1.00c |
| Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Government Transport | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Licensing and Testing Department | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports | Lm 1.50c |
| Performance Audit – School Information System – Education Division | Lm 2.00c |
| Performance Audit – School Transport System – Education Division | Lm 1.50c |
| Portfolio Assessments | Lm 4.00c |
| Public Service Management Code | Lm 4.00c |
| Report of the Auditor General – Public Accounts 2001 | Lm 2.50c |
| Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku | Lm 1.00c |
| Subsidiary Legislation for the year 2002 | Lm22.00c |
| The Highway Code | Lm 1.00c |
| The Press Act | 50c |
| The Registers of the Medical Council (Malta) 2001 | Lm 3.00c |
| *White Paper* dwar Att Ġdid dwar l-Armi | Lm 1.00c |
| *White Paper* fuq il-Privatizzazzjoni | 50c |
| White Paper on a New Act about Arms | Lm 1.00c |

---

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*